Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)**

GEORGE ABELA
President

19 ta’ April, 2011

**ATT Nru. V tal-2011**

*ATT biex jemenda diversi liġijiet.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2011 li jemenda Diversi Liġijiet. Titolu fil-qosor.

**TAQSIMA I**

**Emendi għall-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku**

Emendi għall-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku. Kap. 65.

**2.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejħa "il-liġi prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-trasport jista’ jistabbilixxi b’avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal għanijiet differenti ta’ din it-Taqsima.

Emenda tal-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

**3.** L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "*motor-car*" għandha titħassar, u minflok il-kelma "*motor car*" jew "*motor-cars*" kull fejn dawn jinsabu fil-liġi prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "vettura bil-mutur" jew "vetturi bil-mutur" rispettivament;

(b) fit-tifsira "sid" il-kliem "jew lanċa" għandhom jitħassru; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "vettura" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

"il-kliem "vettura bil-mutur" ifissru vettura mmexxija b'forza mekkanika;".

Tħassir tal-artikoli 5 sa 11 u l-artikoli 13 u 14 tal-liġi prinċipali.

**4.** L-artikoli 5 sa 11 u l-artikoli 13 u 14 tal-liġi prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 16A tal-liġi prinċipali.

**5.** Is-subartikolu (6) tal-artikolu 16A tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja -

(a) għall-ewwel reat multa ta' mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000); għat-tieni reat multa ta' mhux aktar minn sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur; u għat-tielet reat jew kull reat sussegwenti, multa ta' mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien;

(b) is-sospensjoni jew revoka immedjata ta' xi permess, liċenza jew awtorizzazzjoni li jista' jkollha;

(ċ) il-punti ta' penali preskritti; u

(d) il-konfiska tat-*taxi-car* għal perjodu ta':

(i) mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur għall-ewwel reat;

(ii) mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur għat-tieni reat; u

(iii) mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar għat-tielet u kull reat sussegwenti.".

**6.** L-artikolu 34 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 34 tal-liġi prinċipali.

(a) minflok in-nota marġinali li hemm miegħu, għandhom jidħlu l-kliem "Sewwieq ta' vettura tal-passiġġieri użata b'kiri jew b'kumpens għandu jkollha fil-pussess tagħha *tag* ta' identifikazzjoni"; u

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "vettura tat-trasport pubbliku" għandhom jidħlu l-kliem "vettura tal-passiġġieri użata b'kiri jew b'kumpens", u minnufih wara l-kliem "fuq sidru," għandhom jidħlu l-kliem "sakemm ma jkunx preskritt xort'oħra,".

**7.** Fl-artikolu 37 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "taħt l-artikolu 32" għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 43".

Emenda tal-artikolu 37 tal-liġi prinċipali.

**8.** L-artikoli 38, 42, 46 u 47 tal-liġi prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Tħassir tal-artikoli 38, 42, 46 u 47 tal-liġi prinċipali.

**9.** Fil-paragrafu (i) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 54 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "u *ferry-boats*" għandhom jidħlu l-kliem "fuq *ferry-boats*".

Emenda tal-artikolu 54 tal-liġi prinċipali.

**10.** Is-subartikoli (5) u (6) tal-artikolu 55 tal-liġi prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 55 tal-liġi prinċipali.

**11.** L-artikolu 58 tal-liġi prinċipali għandu jiġi mħassar.

Tħassir tal-artikolu 58 tal-liġi prinċipali.

**12.** L-artikolu 62 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 62 tal-liġi prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kull uffiċjal tal-Pulizija jew gwardjan lokali li fil-fehma tiegħu tkun saret kontravenzjoni, jista' jagħti lis-sid jew xufier, jew iwaħħal mal-*windscreen*, tal-vettura bil-mutur użata fl-għemil tal-kontravenzjoni, avviż li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tal-kontravenzjoni u kull informazzjoni jew ħtieġa oħra hekk kif il-Ministru jista' jistabbilixxi b'regolamenti magħmulin taħt dan is-subartikolu."; u

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Meta xi avviż ikun ingħata jew twaħħal kif provdut fis-subartikolu (2), is-sid jew ix-xufier tal-vettura bil-mutur, skond ma jkun il-każ, jew kull persuna oħra li taċċetta r-responsabbiltà għall-kontravenzjoni imsemmija f'dak l-avviż, tista' fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-avviż, tmur fil-post imsemmi fl-avviż, tieħu magħha dawk id-dokumenti msemmija fih u tħallas il-multa murija fit-tieni kolonna tal-imsemmija Skeda dwar dik il-kontravenzjoni, jew dik il-persuna tista' tibgħat dawk id-dokumenti u l-ħlas tal-multa permezz tal-posta reġistrata jew b'kull mezz ieħor hekk kif dak l-avviż ikun juri.".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

**13.** Fit-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali, il-kliem "Nuqqas ta' għemil ta' *trip* minn *motor bus* .......................... 23.29" u "Nuqqas ta' għoti ta' biljett lil passiġġier li juri n-nol li tħallas jew għoti ta' biljett ħażin ............................... 11.65" għandhom jitħassru.

## TAQSIMA II

### Emendi għall-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi

Emenda tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi. Kap. 88

**14.** Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

**15.** L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem " "bini storiku" tfisser art li" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem " "bini storiku" tfisser art, barra minn art li tikkonsisti minn proprjetà kulturali li tikkostitwixxi wirt kulturali reliġjuż tat-tip imsemmi fl-artikolu 52 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, li:"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "ħlief proprjetà kulturali tat-tip imsemmija fl-artikolu 52 tal-imsemmi Att" għandhom jitħassru.

## TAQSIMA III

### Emendi għall-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa

**16.** Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda tal-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa. Kap. 94

**17.** Artikolu 4 tal-liġi prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Sostituzzjoni tal-artikolu 4 tal-liġi prinċipali.

"4. (1) Il-Kap tad-Dipartiment tas-Saħħa huwa t-Tabib Prinċipali tal-Gvern.

(2) Għandu jkun hemm ukoll Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li għandu jwettaq dawk id-dmirijiet mogħtija lilu skont l-Att dwar is-Saħħa Pubblika jew xi liġi oħra.".

**18.** Fl-artikolu 5 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "L-uffiċjali tad-dipartiment huma dawn" għandhom jidħlu l-kliem "L-uffiċjali tad-dipartiment huma dawn ukoll".

Emenda tal-artikolu 5 tal-liġi prinċipali.

## TAQSIMA IV

### Tħassir tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku

**19.** Din it-taqsima tħassar l-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku.

Tħassir tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku. Kap. 214.

**20.** L-Att li Jirregola l-Att dwar l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku huwa b'dan imħassar.

Tħassir tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku.

## TAQSIMA V

### Emendi għall-Att dwar Ġieh ir-Repubblika

**21.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Ġieh ir-Repubblika, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Ġieh ir-Repubblika, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda għall-Att dwar Ġieh ir-Repubblika. Kap. 251.

**22.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara l-kliem "relazzjonijiet diplomatiċi

ma’ Malta" għandhom jidħlu l-kliem "jew ma’ xi organizzazzjoni internazzjonali li Malta hija membru tagħha"; u

(b) minflok il-kliem "minn xi Stat jew Ordni Sovran bħal ma ntqal qabel wara l-bidu fis-seħħ" għandhom jidħlu l-kliem "minn xi Stat, Ordni Sovran jew organizzazzjoni internazzjonali wara l-bidu fis-seħħ".

## TAQSIMA VI

## Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali

Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali. Kap. 363.

**23.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Kunsilli Lokali, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għal Kunsilli Lokali jista’ jistabbilixxi b’avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal skopijiet differenti ta’ din it-Taqsima.

Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

**24.** L-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, il-kliem "jew ta’ Viċi Sindku" għandhom jiġu mħassra;

(b) is-subartikoli (2) u (4) tiegħu għandhom jiġu mħassra; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2).

Emenda tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali.

**25.** Is-subartikolu (4) tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Żjieda ta’ artikolu ġdid 37A mal-Att prinċipali.

**26.** Minnufih wara l-artikolu 37 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Kumitati Reġjonali.

37A. (1) Għandu jkun hemm ħames reġjuni skond kif stabbilit fil-Ħdax-il Skeda.

(2) (a) Kull Kumitat Reġjonali għandu jiġi mmexxi minn President li jiġi elett minn fost il-Kunsillieri kollha tal-lokalitajiet li jiffurmaw dak ir-Reġjun.

(b) Kull Kunsill Lokali li jifforma parti minn dak ir-Reġjun għandu jaħtar rappreżentant tiegħu biex jifforma parti mill-Kumitat Reġjonali.

(ċ) Il-Viċi President Reġjonali għandu jinħatar minn fost il-membri tal-Kumitat Reġjonali kif hekk maħtura mill-Kunsilli Lokali.

(3) Il-Kumitat Reġjonali għandu jaħtar persuna biex taġixxi bħala Segretarju Eżekuttiv għall-istess kumitat minn fost dawk il-persuni li jkunu jifformaw parti mill-*pool* imsemmi fl-artikolu 49.

(4) Kull bidla ta' lokalita` minn reġjun għal ieħor tista' ssir mill-Ministru wara li jkun ikkonsulta mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u għandha ssir wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-aspett ġeografiku, it-total tal-popolazzjoni f'kull reġjun u n-numru ta' Kunsilli Lokali f'kull reġjun.

(5) Il-funzjonijiet tal-Kumitati Reġjonali għandhom ikunu dawk stabbiliti mill-Ministru permezz ta' regolamenti u dan wara li jkun ikkonsulta mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

(6) Il-Kumitati Reġjonali jistgħu wkoll jagħmlu *bye-laws* skond l-artikoli 34, 35, 36 u 36A li għandhom *mutatis mutandis* ikunu japplikaw għall-għemil ta' dawk il-*bye-laws*.

(7) Il-Kumitati Reġjonali jiġu maħtura għal dak iż-żmien li l-Ministru jista' b'ordni jistabbilixxi.

(8) Il-Ministru jista' wkoll b'regolamenti jistabbilixxi l-prattika u l-proċedura dwar l-operat tal-Kumitati Reġjonali.".

## TAQSIMA VII

### Emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

**27.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Kap. 406.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-artikolu 28 u tal-paragrafu (a) tal-artikolu 29 għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

**28.** L-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso għas-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem "sentenza finali mill-Qorti ta' l-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), skond il-każ." għandhom jidħlu l-kliem "sentenza finali mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), skond il-każ:", u minnufih wara l-proviso għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi kundizzjonijiet li permezz tagħhom parti mill-imgħax jew l-imgħax kollu dovut taħt dan is-subartikolu jista' jitneħħa. Dawn ir-regolamenti jistgħu jipprovdu wkoll għat-tneħħija ta' imgħax dovut skont l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u skont l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4A) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, ma jkun dovut ebda mgħax meta denunzja li għandha tintbagħat skont l-artikolu 27 tiġi mibgħuta b'mezz elettroniku permezz tal-portal elettroniku hekk indikat għal dan il-għan mill-Kummissarju, flimkien mal-ħlas dovut fuq id-denunzja, mhux aktar tard minn sebgħat ijiem mid-data li tali denunzja kellha tkun mibgħuta skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 42 tal-Att prinċipali.

**29.** L-artikolu 42 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "mill-penali amministrattiva għal dak in-nuqqas." għandhom jidħlu l-kliem "mill-penali amministrattiva għal dak in-nuqqas:" u minnufih wara l-paragrafu (ċ) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) l-ebda penali amministrattiva ma għandha tkun dovuta skont l-artikolu 38 meta denunzja meħtieġa li ssir skont l-artikolu 27 jew dikjarazzjoni meħtieġa li ssir skont l-artikolu 30(1) tkun mibgħuta b'mezz elettroniku

permezz tal-portal elettroniku hekk indikat għal dan il-għan mill-Kummissarju, flimkien mal-ħlas dovut fuq id-denunzja, mhux aktar tard minn sebgħat ijiem mid-data li tali denunzja jew dikjarazzjoni kellha tkun mibgħuta skont id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Il-Ministru jista’ b’regolamenti jippreskrivi kundizzjonijiet li permezz tagħhom parti mill-penali amministrattiva jew il-penali amministrattiva kollha dovuta taħt l-artikoli 37 sa 41 tista’ titneħħa. Dawn ir-regolamenti jistgħu jipprovdu wkoll għat-tneħħija ta’ penali amministrattiva dovuta skont l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u skont l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa.".

## TAQSIMA VIII

## Emendi għall-Att dwar Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi

**30.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emendi għall-Att dwar Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi. Kap. 423.

**31.** L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(2) L-Awtorità għandha, b’konsultazzjoni mal-Ministru, tistabbilixxi Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet, kif xieraq, u li jkollhom dawk ir-responsabbiltajiet li tista’ tiddeċiedi li tagħtihom u li tista’ tibdel minn żmien għal żmien kif jidrilha li jkun xieraq.";

(b) fis-subartikoli (3), (4), (5), (6) u (7) tiegħu, minflok il-kelma "Direttorati", kull fejn tinsab, għandhom jidħlu l-kliem "Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet"; fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "dak id-Direttorat ikun jista’ jagħti" għandhom jidħlu l-kliem "dak id-Direttorat, Unità, Diviżjoni u Sezzjoni jkunu jistgħu jagħtu" u minflok il-kliem "bix-xort’oħra jkun jista’ jwettaq" għandhom jidħlu l-kliem "biex xort’oħra jkunu jistgħu jwettqu"; fis-subartikolu (6) minflok il-kliem "lid-Direttorat li l-ħaġa tkun tinkwadra taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "lid-Direttorat,

Unità, Diviżjoni u Sezzjoni li l-ħaġa tkun taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom", minflok il-kliem "lil dak id-Direttorat" għandha tidħol il-kelma "lilhom" u minflok il-kliem "għad-Direttorat idoneu" għandhom jidħlu l-kliem "għad-Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet idoneji"; u

(ċ) fis-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-paragrafi (a), (b) u (ċ) għandu jidħol dan li ġej:

"(a) jassumi kull responsabbiltà għas-sorveljanza u l-kontroll totali tad-Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet;

(b) jassenja lil kull Direttorat, Unità, Diviżjoni u Sezzjoni dawk id-dmirijiet li huwa jqis meħtieġa jew spedjenti;

(ċ) jikkordina l-operat tad-Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet;".

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

**32.** Minnufih wara l-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Proċeduri meta jiġu imposti multi amministrattivi.

31A. (1) L-Awtorità, qabel ma timponi penali amministrattiva fuq xi persuna li tikser jew tonqos milli tosserva -

(a) xi disposizzjoni ta' dan l-Att;

(b) regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

(ċ) xi liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tenforza; jew;

(d) xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità kemm jekk taħt dan l-Att, regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tenforza; jew

(e) xi kundizzjoni ta' xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att,

għandha permezz ta' ittra uffiċjali lill-persuna involuta -

(i) tagħti avviż lil dik il-persuna tal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta mill-Awtorità;

(ii) tagħti avviż tar-raġuni speċifika għaliex tkun qegħda tiġi imposta dik il-penali;

(iii) tagħti avviż dwar l-ammont tal-penali;

(iv) titlob lil dik il-persuna biex issewwi l-atti jew l-ommissjonijiet li jkunu saru minn dik il-persuna u, jew li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità fi żmien speċifikat:

Iżda dak iż-żmien ma' jistax ikun ta' aktar minn għoxrin ġurnata u mhux anqas minn ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali:

Iżda wkoll il-persuna, li kontriha tista' tiġi imposta penali amministrattiva, għandha tingħata opportunità raġonevoli matul dak il-perjodu ta' żmien li jista' jkun stipulat fl-ittra uffiċjali biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità u biex tipproponi kull rimedju li jsewwi l-attijiet jew l-ommissjonijiet hekk kif ikunu meħtieġa mill-Awtorità li jiġu hekk imsewwija.

(2) Fl-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), l-Awtorità tista' timponi dawk il-kundizzjonijiet li tista' tikkunsidra raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.

(3) Jekk il-persuna involuta tirrimedja l-ksur fiż-żmien stabbilit mill-Awtorità skond is-subartikolu (1), u taqbel bil-miktub li tosserva l-kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' timponi, l-Awtorità għandha tieqaf milli tkompli tipproċedi:

Iżda jekk il-persuna involuta, wara li tkun intrabtet bil-miktub, kif imsemmi hawn qabel, tonqos milli tirrimedja l-ksur fiż-żmien stabbilit mill-Awtorità skond is-subartikolu (1) jew tonqos milli tħares il-kundizzjonijiet li jkunu ġew miftiehma bil-miktub, l-Awtorità għandha timponi penali amministrattiva kontra dik il-persuna għal dak in-nuqqas, flimkien mal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta għall-ksur innifsu.

(4) Jekk wara li jiskadi l-perjodu imsemmi fis-subartikolu (1), l-Awtorità tikkunsidra li l-persuna involuta ma tkun tat ebda raġuni valida biex turi għaliex m'għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva kontra dik il-persuna, l-Awtorità għandha tgħaddi biex timponi dik il-multa amministrattiva.

(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-artikolu, meta l-Awtorità jkollha prova *prima facie* li l-ksur -

(a) jirrappreżenta theddida immedjata u gravi għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurezza pubblika jew għas-saħħa pubblika; jew

(b) joħloq jew jista' joħloq problemi serji ekonomiċi jew operattivi għal provdituri oħra ta' riżorsi jew għal konsumaturi,

l-Awtorità tista tqassar il-perjodi msemmija fis-subartikolu (1):

Iżda l-persuna li kontriha tkun qegħda tiġi imposta dik il-penali amministrattiva, għandha tingħata opportunità raġonevoli biex tagħti l-fehma tagħha u tipproponi kull rimedju possibbli.

(6) L-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell minnha, u meta ssir notifika ta' kopja tagħha permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna li weħlet il-penali amministrattiva, għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-għanijiet kollha tal-paragrafu (a) tal-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: Kap. 12

Iżda jekk il-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ittra uffiċjali, tagħmel appell quddiem il-Bord tal-Appelli, u flimkien mal-appell jew qabel ma tagħmel l-appell tkun talbet li l-Bord tal-Appelli jissospendi l-effetti tal-ittra uffiċjali, għaldaqstant l-Awtorità għandha tieqaf milli toħroġ att ġudizzjarju kif imsemmi f'dan is-subartikolu sakemm tkun ġiet deċiża, miċħuda jew mod ieħor ittrattata t-talba għal sospensjoni:

Iżda wkoll il-Bord tal-Appelli għandu jiddeċiedi kull talba għas-sospensjoni msemmija f'dan is-subartikolu mill-aktar fis. Qabel ma tiġi deċiża talba bħal dik, il-Bord tal-Appelli għandu jagħti lill-Awtorità opportunità raġonevoli biex twieġeb u tressaq is-sottomissjonijiet tagħha, fi żmien mhux anqas minn tliet ijiem tax- xogħol.

(7) Mgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena għandu jibda għaddej mid-data li l-Awtorità tistabbilixxi għall-pagament ta' xi penali amministrattiva imposta minnha. Fil-każijiet meta l-Bord tal-Appelli jew il-Qorti tal-Appell, skond ma jkun il-każ, wara li jkun intlaqa' favorevolment rikors biex jissospendi l-penali sakemm isiru l-proċedimenti, fl-aħħar jiddeċiedu li l-penali amministrattiva kif imposta mill-Awtorità tkun dovuta, dik il-penali amministrattiva għandha tkun dovuta flimkien ma' kull mgħax li jkun akkumula fuq il-penali sa minn dik id-data li l-Awtorità tkun oriġinarjament stabbiliet għall-ħlas u li tkun tinkludi l-perjodu li matulu l-ħlas ta' dik il-penali jkun ġie sospiż.

(8) L-Awtorità għandha tagħti r-raġunijiet tagħha għal kull deċiżjoni li tittieħed taħt dan l-artikolu.

(9) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat jew ordni kawtelatorju m'għandhom jinħarġu minn xi qorti li jkunu jirrestrinġu lill-Awtorità milli teżerċita xi setgħa mogħtija lilha taħt dan l-Att dwar penalitajiet amministrattivi.

(10) Fil-każijiet kollha li l-Awtorità timponi xi penali amministrattiva fir-rigward ta' xi ħaga li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir minn xi persuna u dak l-att jew ommissjoni jkunu wkoll jikkostitwixxu reat kriminali, ebda proċediment ma jkun jista' jinbeda jew jitkompla kontra dik il-persuna dwar dak ir-reat kriminali.

(11) Penali amministrattiva imposta mill-Awtorità għandha titqies bħala dejn ċivili.

(12) Jekk xi persuna xjentement tevita, tfixkel jew tirrifjuta n-notifika ta' xi att ġudizzjarju maħruġ taħt dan l-artikolu, dik il-persuna tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn sebgħin elf euro (€ 70,000).

Ksur amministrattiv minn korpi magħqudin.

31B. Meta ksur amministrattiv ikun jirrigwarda -

(a) xi disposizzjoni ta' dan l-Att;

(b) regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

(ċ) kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd tenforza;

jew kull min -

(i) jonqos milli josserva xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità kemm jekk taħt dan l-Att, regolamenti magħmulin taħt l-Att jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tenforza; jew

(ii) jonqos milli josserva xi kundizzjoni ta' xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att, u l-ksur jkun sar minn korp magħqud u jkun ġie ippruvat li twettaq bil-kunsens, jew l-involviment ta', jew li jkun attribwibbli għal, xi negliġenza gravi min-naħa ta' persuna li tkun direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor, tkun kif tkun deskritta l-kariga, ta' dak il-korp magħqud jew persuna li kienet qegħda taġixxi f'dik il-kariga,

dik il-persuna u dak il-korp magħqud, għandhom ikunu responsabbli għal dak il-ksur u għandhom jkunu responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' dik il-penali amministrattiva imposta mill-Awtorità bħala konsegwenza ta' dan.".

Emenda tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

**33.** Minnufih wara s-subartikolu (5) tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) Id-dritt ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli jkun jista' jsir mill-persuna li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni:

Iżda f'kull każ, persuna li tagħmel appell quddiem il-Bord tal-Appelli għandu jkollha wkoll interess dirett meta tkun qegħda tikkontesta d-deċiżjoni jew l-ordni li jkun qed isir appell minnha.

(7) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 31A -

(a) appell minn deċiżjoni jew ordni tal-Awtorità għandu jsir b'rikors u għandu jiġi ppreżentat quddiem is-segretarju tal-Bord tal-Appell fi żmien tletin ġurnata mid-data meta dik id-deċiżjoni jew ordni tkun ġiet notifikata bil-miktub lill-parti li tkun qegħda tappella, jew tiġi pubblikata fil-Gazzetta, skond dak li jiġi l-ewwel, kif ikun il-każ; u

(b) ir-rikors tal-appell għandu jiġi notifikat lill-Awtorità, li għandha mhux aktar tard minn għoxrin ġurnata minn dik in-notifika tippreżenta r-risposta tagħha għal dak ir-rikors quddiem is-segretarju tal-Bord tal-Appell.".

Emenda tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali.

**34.** Fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "fit-Tieni Skeda", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "fl-Iskeda".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

**35.** Minnufih wara l-artikolu 39 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Proċedimenti dwar djun dovuti. Kap. 12.

40. Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall-Awtorità bl-istess mod kif japplikaw għad-Dipartimenti tal-Gvern.".

Tħassir tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**36.** L-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi mħassra, u t-Tieni Skeda għandha tissemma' mill-ġdid bħala "L-ISKEDA".

## TAQSIMA IX

### Emendi għall-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti

Emendi għall-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti. Kap. 433.

**37.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**38.** Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minnufih wara t-tifsira "prodott veġetali" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

"Servizz tal-Ħarsien tal-Pjanti" tfisser l-uffiċċju li għandu s-setgħa sabiex jagħmel l-ispezzjonijiet u l-analiżi dwar il-ħarsien tas-saħħa tal-pjanti u biex jimplimenta d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

**39.** L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "rappreżentant mill-qasam ta' l-edukazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "rappreżentant mill-Università ta' Malta", u minflok il-kliem "u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma" għandhom jidħlu l-kliem ", id-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3) tiegħu; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Ministru għandu jaħtar uffiċjal mid-Dipartiment biex jaġixxi bħala Segretarju tal-Bord.".

Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

**40.** Fl-artikolu 10 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "mill-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "minn spetturi jew persuni awtorizzati".

Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

**41.** Fl-artikolu 26 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "Prim Ministru" għandhom jidħlu l-kliem "Ministru".

Sostituzzjoni tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

**42.** L-artikolu 27 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Għajnuna mill-Korp tal-Pulizija.

27. Bil-għan li jiġu infurzati d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur jista' jitlob l-għajnuna tal-membri tal-Korp tal-Pulizija jew ta' xi uffiċjal awtorizzat, u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 10 għandhom japplikaw għal kull ħaġa maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' dawk is-setgħat.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

**43.** Minnufih wara l-artikolu 29 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Pieni amministrattivi..

29A. Meta d-Direttur jkollu tabilħaqq għaliex jifhem li -

(a) jkun sar xi reat kontra dan l-Att minn xi persuna; u

(b) filwaqt li jqis il-kondotta preċedenti tal-persuna inkwistjoni, ikun iktar xieraq li tingħata piena taħt dan l-artikolu,

huwa jista’ jara dik il-persuna tiġi notifikata b’avviż bil-miktub skond ma hemm fis-subartikolu (2) fl-għamla xierqa.

(2) Avviż taħt is-subartikolu (1) għandu jispeċifika -

(a) d-data u x-xorta tar-reat;

(b) sunt tal-fatti li fuqhom tkun imsejsa l-allegazzjoni li jkun sar reat (li jkun sunt suffiċjenti biex b’mod komplet u ġust jgħarraf lill-persuna bl-allegazzjoni kontrih);

(ċ) kull ħaġa oħra (li ma tkunx dwar xi sejbien ta’ ħtija preċedenti) li d-Direttur jikkunsidra rilevanti biex tkun tista’ tingħata piena; u

(d) l-ammont ta’ piena dovut, u meta l-piena dovuta tkun tiddependi fuq xi sejbien ta’ ħija preċedenti, d-data ta’ dak is-sejbien ta’ ħtija,

u dan it-tagħrif għandu jkun kontrofirmat fuq dikjarazzjoni li ssemmi d-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu.

(3) Kull min jiġi notifikat b’avviż taħt is-subartikolu (1) jista’, fi żmien tletin ġurnata minn dik in-notifika, b’avviż bil-miktub f’għamla xierqa li jiġi notifikat lid-Direttur, jitlob li l-proċeduri għar-rigward tar-reat allegat isiru quddiem il-Qorti, f’liema każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jittieħdu ebda proċeduri oħra taħt dan l-artikolu mid-Direttur; u

(b) ebda ħaġa f’dan l-artikolu m’għandha tiftiehem bħala li tipprevjeni l-istituzzjoni ta’ proċeduri għar-rigward tar-reat allegat jew tas-sejbien ta’ ħtija tal-persuna għar-reat mill-Qorti jew l-impożizzjoni ta’ xi piena jew konfiska taħt dan l-Att meta persuna tinsab hekk ħatja.

(4) Kull min ikun ingħatalu avviż taħt is-subartikolu (1) u ma jkunx irid li l-proċeduri għar-rigward tar-reat allegat isiru quddiem il-Qorti jista' b'avviż bil-miktub li jiġi notifikat lid-Direttur -

(a) jammetti r-reat, u

(b) jħallas l-ammont tal-penali lid-Direttur fi żmien tletin ġurnata wara li jkun ġie lilu notifikat l-avviż tal-penali jew wara kull perjodu sussegwenti hekk kif id-Direttur jista' jispeċifika.

(5) Meta taħt dan l-artikolu persuna tammetti reat, id-Direttur jwaħħal lil dik il-persuna piena ta' flus għar-rigward tar-reat li tkun tammonta għal wieħed minn tlieta tal-ogħla piena li dik il-persuna kienet kieku teħel li kienet insabet ħatja tar-reat mill-Qorti.

(6) Il-penali imposta taħt is-subartikolu (5) tkun dovuta bħala dejn ċivili eżegwibbli mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili kompetenti favur il-Gvern u d-dikjarazzjoni mill-persuna li tkun weħlet il-penali li tkun tammetti l-akkuża għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili bl-istess mod bħallikieku kienet sentenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili kompetenti.

Kap. 12.

(7) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, meta tkun saret l-ammissjoni ta' reat taħt dan l-artikolu, ma tista' ssir ebda akkuża għar-rigward ta' dak ir-reat kontra min ikun għamel dik l-ammissjoni.

(8) Meta persuna li lilha jkun ġie notifikat avviż taħt is-subartikolu (1) ma tammettix ir-reat fi żmien tletin ġurnata wara li tkun ġiet notifikata bl-avviż, id-Direttur għandu jibda proċeduri jew jara li jinbdew proċeduri quddiem il-Qorti għar-rigward tar-reat allegat.".

Emenda tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali.

**44.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, meta tinsab ħatja -

(a) fuq l-ewwel kundanna, teħel multa ta’ mhux inqas minn mitejn euro (€200) iżda mhux aktar minn elfejn euro (€2,000);

(b) mat-tieni kundanna jew kundanna sussegwenti, teħel multa ta’ mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux aktar minn għoxrin elf euro (€20,000),

jew priġunerija għal perijodu ta’ mhux iżjed minn sena, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.".

**45.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (s) tiegħu, minflok il-kliem "f’dawn iż-żoni protetti; u", għandhom jidħlu l-kliem "f’dawn iż-żoni protetti;";

(b) fil-paragrafu (t) tiegħu, minflok il-kliem "li jagħmlu l-ħsara u mardiet partikolari.", għandhom jidħlu l-kliem "li jagħmlu l-ħsara u mardiet partikolari; u"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (t) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(u) biex jistabbilixxi laboratorju nazzjonali għas-saħħa tal-pjanti u jirregola l-analiżi tal-laboratorju nazzjonali għas-saħħa tal-pjanti.".

## TAQSIMA X

### Emendi għall-Att dwar il-Ħarsien tal-Annimali

**46.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Ħarsien tal-Annimali, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Ħarsien tal-Annimali, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar il-Ħarsien tal-Annimali. Kap. 439.

**47.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej: Emenda tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali.

"(1) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att jew ta’ xi regolamenti magħmulin taħtu, meta tinsab ħatja:

(a) fuq l-ewwel kundanna, teħel multa ta’ mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn tletin elf euro (€30,000);

(b) mat-tieni kundanna jew kundanna sussegwenti, teħel multa ta’ mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) iżda mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000),

jew priġunerija għal perijodu ta' mhux iżjed minn sena, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.".

## TAQSIMA XI

## Emendi għall-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali

Emendi għall-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Kap. 452.

**48.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali.

**49.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Ministru ghandu jaħtar dawk l-uffiċjali tad-dipartiment responsabbli għall-impiegi u relazzjonijiet industrijali jew persuni oħra li jaġixxu f'isem id-Direttur li l-Ministru jidhirlu xieraq sabiex ikunu spetturi għall-finijiet ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 64 tal-Att prinċipali.

**50.** Is-subartikolu (6) tal-artikolu 64 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "essenzjali lill-komunità:" għandhom jidħlu l-kliem "essenzjali lill-komunità;" u minnufih wara l-paragrafu (f) għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) dak l-għadd ta' persuni f'dawk il-karigi li l-Ministru responsabbli għat-trasport jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, li jkun meħtieġ biex jipprovdi servizz fil-livell ta' nofs is-servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri f'Malta u Għawdex u nofs is-servizzi bil-baħar pubbliċi bi skeda bejn Malta u Għawdex u dan għandu jitqies li jkun kondizzjoni impliċita tal-kuntratt tal-impieg ta' kull ħaddiem impjegat fis-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri pubbliku u fis-servizzi ta' trasport bil-baħar bi skeda li dak l-impjegat ikollu l-obbligu li jwettaq id-doveri tiegħu skond ma jordna l-prinċipal tiegħu biex jintlaħaq in-numru msemmi hawn aktar qabel u meta impjegat jonqos milli jwettaq id-doveri tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni huwa jista' jitkeċċa:"; u

(b) minnufih wara l-proviso tal-artikolu għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll għall-fini tal-paragrafu (g) il-frażi "servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri" ikollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Awtorità għat-

Trasport f'Malta.".

## TAQSIMA XII

### Emendi għall-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta

**51.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Kap. 499.

**52.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*motor route bus*" tfisser vettura M2 jew M3 li, permezz tat-tip ta' kostruzzjoni u tagħmir tagħha, hija tkun adatta għall-ġarr ta' passiġġieri, u tkun maħsuba għal dak l-għan u li jkollha liċenza biex topera servizz ta' trasport pubbliku għall-passiġġieri skond kull regolament li jsir taħt dan l-Att;";

(b) fit-tifsira "servizzi għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri" minflok il-kliem "tfisser servizzi għat-trasport ta' passiġġieri" għandhom jidħlu l-kliem "tfisser servizzi regolari tat-trasport ta' passiġġieri;"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "vettura" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "vettura M2" tfisser vettura bil-mutur li jkollha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li jkollha l-ogħla massa ta' mhux aktar minn 5 tunnellati metriċi;

"vettura M3" tfisser vettura bil-mutur li jkollha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li jkollha massa ta' aktar minn 5 tunnellati metriċi;".

**53.** Fil-paragrafu (g) tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali minflok il-kliem minn "tidħol f'kuntratt" sal-kliem "dawk is-servizzi" għandhom jidħlu l-kliem "tidħol f'kuntratt ta' servizz jew ta' xi strument ieħor li jkun jorbot ma' operatur wieħed jew aktar operaturi biex jipprovdu dawk is-servizzi, kemm jekk fuq bażi esklużiva kemm xort'oħra, kif l-Awtorità tista' tiddeċiedi". Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

**54.** Minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

"(b) L-attiv mobbli li minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att kienu proprjetà tal-Gvern u li kienu qegħdin

jintużaw biex tkun eżerċitata xi waħda mill-funzjonijiet li b'dan l-Att qegħdin jiġu trasferiti lil jew vestiti fl-Awtorità għandhom bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr ebda assikurazzjoni oħra jiġu trasferiti lill-Awtorità jew jiġu vestiti fiha taħt l-istess titolu li kienu miżmuma bih mill-Gvern qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali.

**55.** Minnufih wara s-subartikolu (7) tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Regolamenti, regoli u ordnijiet li jsiru taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu jsiru bl-ilsien Ingliż biss.".

Emenda tal-artikolu 46 tal-Att prinċipali.

**56.** L-artikolu 46 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (5) u (6) rispettivament; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Meta kuntratt ta' servizz tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri jingħata lil persuna jew persuni fuq bażi esklużiva, kull liċenza ta' *motor route bus* ħlief dik tal-persuna li tkun ingħatat il-kuntratt jew sottokuntratturi tagħha magħrufin u approvati mill-Awtorità għandha tiġi rtirata minn dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-trasport jista' jistabbilixxi.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 339 tat-13 ta' April, 2011.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

PAULINE ABELA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*